MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 569/2008

Eric Calleja
vs
Asfaltar Company Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi huwa kien impjegat mas-socjeta` intimata meta sehh incident fuq il-post tax-xoghol;

Illi dan l-incident sehh unikament tort tas-socjeta` intimata minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' regolamenti jew minhabba li s-socjeta` intimata ma pprovdietx *a safe place of work* jew *a safe system of work* kif inhi ritenuta kont li zzomm ai finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Illi per konsegwenza ta' l-incident, ir-rikorrent sofra danni anke ta' natura personali permanenti ta' hamsa fil-mija

[5%] kif ser jirrizulta fis-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi r-rikorrent interpella izda inutilment, lis-socjeta intimata sabiex taddivjeni ghal-likwidazzjoni tad-danni subiti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1) tiddikjara li l-incident illi issubixxa fuq il-post tax-xoghol sehh unikament tort tas-socjeta` intimata u dan minhabba negligenza, imperzija, inosservanza ta' regolament jew minhabba li s-socjeta` intimata ma pprovdietx *a safe place of work* jew *a safe system of work* kif inhija ritenuta kont li zzomm ai finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2) tillikwida d-danni minnu sofferti okkerendo bl-opera ta' periti nominandi;

3) tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas id-danni subiti bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta in subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentatata ta' Asfaltar Limited li biha esponiet:

<u>Eccezzjonijiet</u>

1) Illi c-cirkostanzi, id-data u l-lok ta’ l-incident mertu tal-kawza odjerna ma gewx indikati mill-attur fil-proceduri istitwiti minnu b'mod illli s-socjeta' konvenuta ma hijiex fi grad tirrispondi b'mod iddettaljat u ezawrjenti ghat-talbiet attrici. Is-socjeta' konvenuta tifhem illi din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fit-28 ta' Marzu 2006, u sejra tressaq l-eccezzjonijiet taghha appuntu fir-rigward ta' dan l-incident izda qeghda tirriserva li tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk jirrizulta li t-talbiet attrici jirrigwardaw xi incident iehor.

2) Illi preliminarjament - u dejjem jekk din l-azzjoni tirrigwarda l-incident li sehh fit-28 ta' Marzu 2006 - l-azzjoni tal-attur hija preskritta *ai termini* ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16.

3) Illi jekk l-attur qieghed jirreferi, kif gja inghad, ghall-incident li sehh fit-28 ta' Marzu 2006, l-incident gara minghajr ebda htija jew responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta jew l-impjegati taghha. Skond ma tifhem is-socjeta' attrici, l-attur kien unikament responsabbli ghall-korriment tieghu.

4) Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' danni akwiljani u ghalhekk naxxenti mit-tort ossija n-negligenza tal-persuna li lilha qeghda tigi imputata n-negligenza. L-allegazzjoni tal-attur illi s-socjeta' attrici ma ipprovdietx sigurta' fuq il-post tax-xoghol, fiha nnifisha ma twassalx ghal responsabilita' tas-socjeta' konvenuta ghall-akkadut diment illi ma jintweriex illi l-allegat nuqqas kien il-kawza ta’ l-incident.

5) Illi f’kull kaz, is-socjeta' konvenuta teccepixxi li hija tipprovdi s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

6) Illi dwar l-allegazzjoni ta’ l-attur illi huwa qieghed isofri minn disabilita` permanenti, jigi rilevat li sa mill-bidu tal-impieg tieghu mas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk minn ferm qabel l-incident fuq imsemmi, l-attur kien ilmenta ma’ kollegi tieghu fuq ix-xoghol dwar ugih f'idu l-leminijja peress li kien sofra xi forma ta' griehi fl-istess id meta kien zghir. Spiss kien jghid illi idhu kienet "tinqala minn postha". Dan huwa rilevanti kemm-il darba l-ingurja allegata mill-attur kienet propju f'idu;

7) Illi jigi rilevat finalment illi b' ittra gudizzjarja ipprezentata minnu a tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, l-attur kien talab illi jigi kanonizzat kreditur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' €17703.24c. Ghal kull buon fini gie ghalhekk eccepit illi l-pretensjoni tieghu f'din il-kawza ma tistax teccedi dik is-somma.

8) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Xehdu Alec Sultana (fol 29) u Eric Calleja (fol 33).

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
***D1. Fatti tal-kaz:***

Il-kaz in ezami jirrigwarda talba ta' Eric Calleja biex il-Qorti tiddikjara lis-socjeta` intimata responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol li gara fit-28 ta' Marzu 2006, u biex tillikwida d-danni kagunati u tikkundanna lis-socjeta` intimata ghall-hlas tad-danni. Illi gie eccepit mis-socjeta` intimata li l-azzjoni tar-rikorrent hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Illi l-fatti rilevanti ghal dan il-kaz huma s-segwenti:
Ir-rikorrent korra fit-28 ta' Marzu 2006;
Ir-rikorrent ipprezenta r-rikors guramentat fit-2 ta' Gunju 2008;
Ir-rikorrent ipprezenta ittra gudizzjarja a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 kontra s-socjeta` intimata dwar dan l-incident ;
Wara li sehh l-incident huwa mar fid-Dipartiment ta' l-Emergenza l-Isptar u dam 3 xhur b'idu fil-gibs, u wara ghamel terapija. Ma kienx jaf f'dak l-istadju f'liema kundizzjoni sejra tispicca idu, anke wara li staqsa lill-kirurgu li kien qed jiehu hsiebu. Sostna li hu sar jaf bin-natura tal-griehi wara li ghaddew is-sentejn.

***D2. Kap 16 L-artikolu 2153:***

L-artikolu 2153 jghid hekk :
‘L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.’

Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs Consiglio Busuttil** deciza fit-13 ta’ Ottubru, 1983 mill-Imh Hugh Harding – Prim’ Awla – LXVII-III-V-193 jinghad :
‘Il-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu bejn tliet forom ta' danni; dawk li jigu minn reat, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali: dawk li jigu minn fatti li mhumiex reati u lanqas ma huma inadempjenza kuntrattwali, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn: u fl-ahharnett dawk id-danni li jidderivaw minn inadempjenza kuntrattwali, f'liema kaz hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-istess obbligazzjoni.’

In fatti fis-sentenza fl-ismijiet **Gejtano Spiteri proprio et nomine vs Thomas Castle** deciza fit-18 ta’ Awissu, 1965 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili [Imh M Caruana Curran] jinghad li l-preskrizzjoni tal-azzjoni hija ta' sentejn meta d-danni jidderivaw mill-kolpa akwiljana jew mill-kwazi delitt, izda l-preskrizzjoni hija ta' hames snin meta d-danni jidderivaw minn kolpa kontrattwali.

L-artikolu 2153 tal-Kap 16 li precedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew *culpa* extra-kontrattwali kif imsejha komunement *culpa aquiliana*. Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Xuereb vs Emmanuele Agius noe**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Ottubru 1959, insibu [XLIII-II-791] stabbilit li :
‘Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni

derivanti minn htija jew "*culpa*" extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, "Culpa Aquiliana". Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell **J. Camilleri vs Dr. Frendo**, 22 ta' Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc **Calafato vs Muscat**, 5 ta' Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili **Similiana vs Fenech**, 14 ta' Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell **Scicluna vs Trany**, 22 ta' Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc **Attard vs Zerafa**", 24 ta' April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell **Dr. Buhagiar vs De Nicola**, 30 ta' Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell **Dr. Galea Naudi vs Zammit**, 9 ta' Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili "**Vella vs Fenech**, 7 ta' Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell **Tonna vs Smith**", 7 ta' Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn);

Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih (ara Appell 30 ta' Mejju 1952, "**Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance**", Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta' Gunju 1900, "**Scicluna nomine vs Trany nomine et**." fuq citata; Kummerc 31 ta' Jannar 1935, "**Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar**", Vol. XXIX-III-92; **Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva**, para. 63; **Laurent, Dto. Civile**, Vol. XXXII, para. 15; **Baudry**, Vol. XXVIII, **Prescrizione**, para. 380);

Ikkunsidrat:

Illi, stabbilit dak li fuq gie premess dwar il-prekrizzjoni kontemplata fl-art. 2258 [illum 2153] tal-Kodici Civili, din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina jekk il-htija attribwita lill-konvenut hijiex kontrattwali jew extra-kontrattwali; l-ghaliex, kif jista' jidher car, fil-kaz ta' din l-ahhar htija msemmija biss ikollha operazzjoni u effikacja l-preskrizzjoni eccepita.'

Ukoll, fil-kawza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Alfred Mizzi et** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-1 ta' Gunju 2004 intqal :
'Dan l-artikolu li precedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "*culpa*" extra kontrattwali kif imsejha komunement "*Culpa Aquiliana*". Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih. Huwa biss fil-kaz ta' htija extra-kontrattwali li jkollha l-effikacja l-preskrizzjoni eccepita.'

***<u>D3. Min meta jghaddi l-perijodu preskrittiv</u>***
Minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta` intimata hija wahda estintiva, jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt, dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non notae non praescibitur*. L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** jghallmu li :
'Quanto alla prescrizione estintiva , il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e nato il diritto o l'azione che e` destinata ad estinguere….'
(cfr. **Trattato Teorico-pratico di Diritto Civile : della Prescrizione** Cap XII.Par. 364 pag.279).
Izjed 'il quddiem izidu jghidu li :
'La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale'
(op. Cit. par. 393 bis, pag 306). Ara wkoll, **Raymond u Victoria konjugi Grech vs Stefan Borg**, Prim' Awla Qorti Civili, deciza fl-14 ta' Gunju 2001).

Huwa car li l-kaz in ezami mhux wiehed ikkagunat b'reat, u li ghalhekk jekk jezistu l-elementi necessarji huwa applikabbli propju dan l-artikolu. Ghalhekk l-azzjoni setghet giet ezercitata mid-data tat-28 ta' Marzu 2006.

Infatti, l-artikolu 2137 tal-Kap 16 jghid :

‘Bla hsara ta’ dispozizzjonijiet ohra tal-ligi l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.’

U hawn ghandu relevanza wkoll l-artikolu 2138 tal-Kap 16 li jsemmi :
‘(1) Il-preskrizzjoni titqies bi granet shah u mhux bis-sighat.
(2) Il-granet huma kontinwi : ix-xhur jitqiesu skond il-kalendarju.’

F’dan l-istadju hu importanti wkoll li jigi kkwotat l-artikolu 2128 tal-Kap 16 li jghid :
‘Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kul att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car li s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.’

Fil-kaz in ezami l-incident sehh fit-28 ta’ Marzu 2006, u ma jirrizultax li giet ipprezenta l-ebda ittra ufficjali da parti tal-attur, li setghet tinterrompi l-preskrizzjoni. In vista tas-suespost, din il-Qorti, ma taqbilx ma’ dak rilevat fin-nota ta’ sottomisssjonijiet ta’ l-attur li f’dan l-istadju huwa qed jirreklama biss danni li ghandhom in-natura ta’ *lucrum cessans* u mhux danni derivanti minn *damnum emergens.* Illi huwa minnu li c-certifikati medici mit-tabib Dr. Alec Sultana nhargu fit-8 ta’ Frar 2008 u fit-3 ta’ April 2008, fejn f’dan ta’ l-ahhar gie rilevat li l-attur qed isofri minn dizabilita` permanenti ta’ hamsa fil-mija (5%); fil-fatt l-azzjoni hija wahda ghar-risarciment tad-danni. Minn ezami ta’ l-atti processwali b’ ebda mod ma jsib li din hija cirkoskritta. Fil-kawza tieghu huwa jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas **ta’ danni.** *Sic et sempliciter.* Ma jikkwalifikax u ma jillimitax ruhu ghal xi tip ta’ danni. Anzi fil-premessi tar-rikors guramentat tieghu jghid illi *‘per konsegwenza tal-incident* (huwa) *sofra danni* ***anke*** *ta’natura personali permanenti …’.* Bl-operazzjoni tal-preskrizzjoni, hija l-azzjoni tad-danni li tigi preskritta, minghajr distinzjoni dwar ix-xorta ta’ danni pretizi. Izda, il-kliem fil-ligi u fil-gurisprudenza nostrana huwa car bizzejjed li jindika li l-

preskrizzjoni tibda timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt li minnu gie derivat id-dannu, u mhux mill-jum minn meta l-parti leza saret taf bid-dizabilita` jew l-entita` taghha.

Ir-rikorrent sostna li persuna tkun tista' tinizzja proceduri simili biss una volta li jkun gie stabbilit li attwalment id-danni li dik il-persuna tkun sofriet fuq persunta jkunu ta' natura permanenti. Hu jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **John Grech vs Ivan Mifsud et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Imahllef J. R. Micallef] fl-1 ta' April 2003. Jinghad li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Jinghad
'…. iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda ghaddej minn dak inhar li ssehh il-hsara, izda mhux minn dak inhar li l-imgarrab intebah bil-hsara li gratlu;
Iz-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-drittjijiet jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li actioni non natae non praescribitur.'

Sostna li indubbjament dan il-principju assodat mill-awturi precitati japplika *ad ungeum* ghall-kaz in dezamina.
Wara li ezaminat id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16, il-Qorti qalet:
*'ghall-finijiet ta' l-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda* tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab. »
Kif tosserva l-intimata dawn il-principji gew ribaditi mill-istess Qorti fil-kawza **Dr. Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb** deciza fit-3 ta' Lulju 2003 fejn jinghad illi:
'…..ghar-rigward ta' kull terminu ta' preskrizzjoni, jinghad, in linea ta' principju, li z-zmien jibda jghaddi minn dak inhar tal-incident u mhux mid-data li fih il-persuna sar jaf li sofra danni; id-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi, allura, determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara. Dan it-terminu jista' jkun sospiz f'kaz li jkun hemm impediment ta' dritt, u mhux wiehed ta' fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio.* L-impediment, pero', m'ghandux ikun wiehed ta' fatt, u l-fatt li d-danneggjat seta' kellu diffikulta'

biex jidentifika lil min kellu jharrek mhux impediment legittimu li jissospendi l-mixi taz-zmien ta' preskrizzjoni'.

Ukoll ir-rikorrent jaghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Civili [Inferjuri] per Imhallef Philip Sciberras datata 12 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Ignatius Busuttil vs. Water Services Corporation fejn** il-Qorti qalet :
"Huwa principju maghruf f'materja ta' preskrizzjoni illi it-terminu ta' preskrizzjoni ta' dritt ghal rizarciment ta' hsara minhabba f'fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf."

Ir-rikorrent sostna li ghalih dan il-mument kien meta gie rilaxxat ic-certifikat mediku mill-konsulent mediku Alec Sultana f'April 2008.

Izda dik il-kawza kienet tirrigwarda perkolazzjoni ta' ilma gewwa fond, cirkostanzi allura li jippermettu t-trapass ta' zmien bejn l-att dannuz u d-danni sofferti. Meta kif inhu l-kaz, l-att dannuz u l-emergenza tad-danni kienu subitaneji u waslu fl-istess istant biex l-attur jindarab f'idu u jigu rikoverat l-isptar, wiehed ma jistax jitkellem dwar '*il-mument li fih timmanifesta ruhha esternament il-hsara u ssir oggettivament percepibbli'* bhala mument differenti ghall-mument fejn sehh l-att dannuz.

Kienet fl-istess linja s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' Jannar 2009 fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et vs Paul Muscat Scerri** li qalet :
'(i) kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Cuschieri v. Borg**, deciza fit-30 ta' Mejju, 2002, jekk mill-provi ma tirrizultax il-gurnata minn meta jibda jitqies it-terminu ghall-preskrizzjoni, ghandha awtomatikament tigi michuda l-preskrizzjoni; f'dan il-kaz din il-gurnata ma gietx stabbilita;

(ii) kif qalet ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Portelli v. Attard** deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jigux determinati f'mument wiehed, izda

jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b'mod li jista' jinghad li l-hsara qeghdha kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f'dan il-kaz, it-terminu ta' preskrizzjoni ikun kontinwament qed jigi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza **Abela v. Cassar**, deciza fl-14 ta' Jannar 2002, osservat fir-rigward ta' preskrizzjoni f'kaz ta' hsara minn infiltrazzjoni ta' ilma.

(iii)

"Fir-rigward tal-preskrizzjoni din il-Qorti ezaminat attentament l-konsiderazzjonijiet ta' Perit Legali addottati mill-ewwel Qorti u ssib li dawn huma sostanzjalment korretti apparti l-apprezzament fattwali ta' kif, meta u sa fejn immanifestaw ruhhom id-danni biex jigi stabbilit il-mument minn meta beda jiddekorri t-terminu preskrittiv. Din il-Qorti tifhem ukoll illi f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bil-mod ma kienx facli biex wiehed jistabbilixxi meta effettivament id-danneggjat seta' japprezza l-gravita` tal-problema u f'kull kaz f'sitwazzjoni bhal din id-decizjoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qieghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll anke bl-applikazzjoni tal-principju *contra non valentem agere non currit prescriptio*."

Izda fil-kaz in ezami m'ghandniex kaz bhal tal-perkolazzjoni ta' l-ilma izda ghandna fatt meta f'mument allegatament gew kawzati d-danni. Ir-rizultat tal-fatt jibqa' ghal dejjem izda gie kawzat f'mument wiehed a distinzjoni mill-perkolazzjoni ta' ilma li jissussisti ghal tul ta' zmien. Mill-fatti irrizulta li dakinhar li wegga' r-rikorrent gie rikoverat l-isptar u idu tpoggiet fil-gibs ghal zmien tliet xhur.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta` intimata, u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------